MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru 46/2007

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 46/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Alfred Bugeja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Novembru 2009 kontra Alfred Bugeja li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Alfred Bugeja (1) fl-Ewwel Kap b'serq ta' vettura, flus u oġġetti li jiswew aktar minn mitt lira, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, vjolenza numerika, mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura f'post pubbliku), kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt; (2) u fit-Tieni Kap ġie akkużat talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u munizzjon, kif ukoll li huwa reċidiv f'delitt;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' April 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabu lill-istess Alfred Bugeja ħati ta' serq ta' vettura u oġġetti li jiswew aktar minn elf lira (Lm1,000) (illum €2329.37), kwalifikat dan is-serq ukoll bil-vjolenza numerika u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura f'post pubbliku), u għalhekk mingħajr il-kwalifika tal-mezz, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuża; bl-istess verdett il-ġurati sabu lill-imsemmi Alfred Bugeja, b'seba' voti favur u tnejn (2) kontra, ħati skond it-Tieni Kap tal-imsemmi Att ta' Akkuża; u b'verdett addizjonali (wara li l-imsemmi Bugeja ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu tar-reċidiva), l-istess ġurati sabuh ħati bl-istess vot hawn fuq imsemmi (seba' favur u tnejn kontra) li huwa reċidiv f'delitt u reċidiv f'delitt ta' serq kif indikat kemm fl-Ewwel kif ukoll fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuża, ikkundannat lill-istess Alfred Bugeja għall-piena ta' seba' snin priġunerija u dan wara li kkunsidrat:

**"Semgħet lill-Avukat Dott. Malcolm Mifsud għall-ħati u lill-Avukat Dott. Jason Grima għall-Avukat Ġenerali dwar il-piena; ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluża l-fedina penali aġġornata tal-istess Alfred Bugeja – fedina penali ta' xejn anqas minn disgħa u erbgħin (49) faċċata, kontenenti tnejn u ħamsin (52) kundanna – inklużi kundanni għal serq; tosserva a propositu tal-piena li għall-Ewwel Kap, u kif misjub ħati mill-ġurati, il-piena hi ta' priġunerija minn minimu ta' sentejn sa massimu ta' għoxrin sena,**

**filwaqt li l-piena ghat-Tieni Kap hija ta’ priġunerija minn minimu ta’ ħames xhur sa massimu ta’ tlett snin;**

**“Rat l-Artikoli 261(a)(c)(g), 262(1)(b), 267, 271(g), 276, 279(b), 280(2), 289(1), 17(b), 50, 31(1)(b) tal-Kap. 9, u l-Artikolu 3(1A) tal-Kap 66 (illum revokat pero` li kien fis-seħħ fid-data tal-kommissjoni tar-reat migjub fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza); tosserva li dwar l-ispejjeż peritali (riferibbilment għar-relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja) dawn ġew kollha addebitati lil dawk li kienu oriġinarjament ko-akkużati, cioe` lil Malcolm Mifsud u Luke Farrugia (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta’ Ottubru 2009)”**

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Alfred Bugeja ppreżentat fit-12 ta’ Mejju 2010 fejn talab li din il-Qorti tirriforma l-verdett imsemmi tal-ġurati u s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux ħati ta’ serq aggravat bil-mezz, filwaqt li tordna li jiġi reġistrat verdett ta’ mhux ħati ta’ serq ta’ vettura u oġġetti li jiswew aktar minn elf lira (Lm1,000) (illum €2329.37), kwalifikat dan is-serq ukoll bil-vjolenza numerika u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura f’post pubbliku), u ta’ pussess ta’ arma mingħajr liċenzja u talli hu reċidiv, u li għandu jiġi liberat minn kull ħtija u piena; u, subordinatament u fi kwalunkwe każ li jekk din il-Qorti tiċħad l-appell tiegħu għal dik li hi ħtija, tirriforma s-sentenza appellata għal dik li hi piena billi tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verdett milħuq li ma kienx wieħed ta’ unanimita`; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**4.** L-appellant Alfred Bugeja għandu tliet aggravji: (i) li mill-provi proċesswali ma kienx hemm biżżejjed biex il-ġurija raġonevolment setgħet issib ħtija fil-konfront tiegħu almenu mingħajr kwalifiki; (ii) li fil-kors ta’ l-indirizz ta’ l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien hemm direttivi ta’ liġi żbaljati b’mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li setgħet kellha effett determinanti fuq il-verdett raġġunt mill-ġurati; (iii) li, fi kwalunkwe każ u subordinatament, kieku kellu jiġi aċċettat li l-appellant huwa ħati, il-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eċċessiva u tmur oltre dak permess mil-liġi.

**5.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju. L-appellant jghid:

“Illi fl-indirizz ta’ l-Onorevoli Imħallef lill-ġurati, ġie spjegat li l-appellant kien qed jgħid li l-persuni l-oħra imsemmija fl-Att ta’ Akkuża, jiġifieri Luke Farrugia u Malcolm Mifsud ma wettqux is-serqa tal-van, is-senter u l-oġġetti l-oħra. Dan ma kienx preċiż, anzi kien inkorrett. L-appellant sostna diversi drabi li s-serqa ma seħħitx fil-preżenza tiegħu. Qal li dawn iż-żewġ persuni kienu ħaduh f’post u huma ġabu s-senter mill-van billi użaw iċ-ċwievet u b’hekk assuma li ma kinux wettqu s-serqa. Din l-interpretazzjoni żbaljata ta’ kif xehed l-appellant u dak li ssottometta l-avukat difensur affettwa negattivament mal-ġurati. Hija ħaġa magħrufa li minkejja li tiġi spjegata li l-ġurati huma l-imħallfin tal-fatt, xorta waħda s-*summary* li jagħmel l-Imħallef li jkun qed jippresjedi l-ġuri tagħmel effett kbir fuq dak li jiftakru dwar dak li semgħu u raw il-ġurati qabel ma jibdew jiddeliberaw.

“Illi fl-indirizz ta’ l-Onorevoli Imħallef kien ġie spjegat li l-ħinijiet kienu importanti, iżda ngħata l-impressjoni li l-ħinijiet li taw il-prosekuzzjoni kienu preċiżi u bħala konsegwenza l-appellant bil-fors kien involut fis-serqa. Fil-verita` x-xhieda ma kinux preċiżi fil-ħinijiet li taw u kien impossibbli li jkunu preċiżi. Per eżempju l-Ispettur Geoffrey Azzopardi ngħata l-informazzjoni li kien hemm serqa ta’ van u ġo fiha kien hemm senter fil-ħamsa neqsin kwart meta kien se jibda x-*shift* tiegħu u kien biss fil-karozza sejjer id-Depot. Ħames minuti wara ngħata informazzjoni li s-senter instab mill-Pulizija tal-Mobile. Raymond Pirotta jgħid li s-serqa min-Naxxar saret bejn 4.30 p.m. u 4.45 p.m. u mar jiġri l-għassa biex jagħmel ir-rapport. Meta kien l-għassa l-pulizija li kien qed jieħu r-rapport irċieva telefonata u saqsieh xi dettalji tas-senter u għandu l-impressjoni li kien qed isaqsuh għaliex il-pulizija kienu sabu s-senter. Issa l-pulizija sabu s-senter ħdejn l-appellant, f’vettura oħra flimkien ma’ Luke Farrugia u Malcolm Mifsud f’San Ġwann. Jirriżulta wkoll li l-van kien ipparkjat fuq in-naħa l-oħra ta’ San Ġwann. B’hekk ukoll impossibbli li s-serqa saret, il-vettura nsaqet San Ġwann, tiġi pparkjata u mbagħad it-tliet persuni jitilqu f’vettura

oħra u mbagħad jitwaqqfu San Ġwann mill-Pulizija, u dan kollu kien fi ftit minuti. L-aħjar ipotesi għall-prosekuzzjoni hi li hemm konfużjoni ta' ħinijiet. B'hekk hemm dubbju raġonevoli li jmur favur l-imputat. Bir-rispett kollu dak li qal l-Imħallef kien inkorrett u żbaljat, stante illi kull dubbju għandu jmur favur l-akkużat, u jekk jirriżulta dubbju dwar fatt allura dik għandha tiġi konsiderata favur l-akkużat u mhux meħuda sempliċement bħala dettall frivolu."

**6.** Issa, fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali l-funzjoni ta' l-Imħallef fil-ġuri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-ġurati x-xorta u l-elementi tar-reat miġjub fl-Att ta' Akkuża, kif ukoll kull punt iehor tal-liġi li f'dak il-każ partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġurati u li jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, ifisser lill-ġurati s-setgħat li għandu fil-każ partikolari, u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġurati kif għandhom jaqdu sewwa d-dmirijiet tagħhom. Jiġifieri l-ġurati għandhom jitpoġġew fl-aħjar posizzjoni possibbli, kemm għal dik li hi liġi, kif ukoll għal dawk li huma fatti, biex ikunu jistgħu jaslu għal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfużjoni possibbli.

**7.** Minkejja x-xettiċiżmu ta' l-appellant, hija m'għandha l-ebda dubju illi l-messaġġ li kienu l-ġurati l-imħallfin tal-fatti twassal b'mod espliċitu u b'mod li jiftiehem tul il-perkors tal-ġuri. Imbagħad fl-indirizz tiegħu, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri beda mill-ewwel biex jispjega li filwaqt illi fuq punti ta' liġi kellhom jaċċettaw dak li jgħidilhom hu, fir-rigward tal-fatti huma kienu sovrani. Huwa qalilhom, korrettement:

**"Meta pero` jiena nitkellem fuq fatti, fuq x'ġara u ma ġarax, x'temmen u ma temminx, x'verżjoni taċċetta u x'verżjoni ma taċċettax, jien nista' u xi minn daqqiet għandi anke obbligu li nagħti l-opinjoni tiegħi, u nista' anke nagħmel enfasi fuq ċerti fatti u mhux fuq fatti oħra. Pero` l-fatti huma f'idejkom, u f'idejkom biss. Jiġifieri jiena nikkummenta kif nikkummenta dwar il-fatti jew inkella nenfasizza xi fatt, xi punt, u ma nenfasizzax ieħor, intom b'ebda mod m'intom marbuta b'dak li ngħid jien għax il-fatti huma mħollija**

**kompletament f'idejkom. Intom l-imħallfin sovrani tal-fatti. Sovrani mhux jiġifieri tistgħu tagħmlu kollox li jfettlilkom. Fuqkom hemm żewġ affarijiet, hemm il-ġurament li ħadtu u wkoll il-bwon sens li tridu tapplikawh."** [1]

U kompla jfakkarhom dan anke tul l-indirizz.

**8.** L-appellant jilmenta li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien inkorrett fl-interpretazzjoni li ta lil ċerti fatti. Dwar dak li l-appellant jgħid li qal l-Imħallef li skond l-appellant ħadd mit-tliet persuni li kienu flimkien ma wettaq is-serqa min-Naxxar, din il-Qorti sejra tirriproduċi dak li l-Imħallef qal fl-indirizz tiegħu:

**"... it-teżi tiegħu hija sempliċi f'dan il-każ – hu u anke t-tnejn l-oħrajn skond hu ma pparteċipawx f'ebda serqa min-Naxxar, ma pparteċipaw f'ebda serqa min-Naxxar."** [2]

**"Għaliex id-difiża ta' l-akkużat hi sempliċi. Jien ma kelli x'naqsam xejn mas-serq, serq ta' vettura, serq tas-senter, serq tal-mus, eċċ., eċċ. Jiena kont ma' dawn it-tnejn min-nies, morna dawra bil-karozza – imbagħad naraw il-ħinijiet – pero` issa, marru x'imkien, ġibdu lejn naħa, tnejn minnhom niżlu, wieħed minnhom kellu ċ-ċavetta, qalilna l-akkużat kif fetaħ il-bieba, fetaħ, ħareġ l-affarijiet, reġa' sakkar, l-ieħor għamel x'għamel, ħadu l-affarijiet u allura dwar is-serqa huwa m'għandu x'jaqsam xejn. Mela dik hija l-verżjoni li qed jagħti l-akkużat. Mhux qed jgħid l-akkużat, per eżempju, jiena mort ħadt *lift* ma' xi ħadd, dawn iż-żewġt iżriemeġ fetlilhom marru n-Naxxar u hemmhekk raw karozza, wieħed minnhom qabad u daħal u saqha, per eżempju, ħallieni hemm wara fil-karozza imwerwer ma nafx x'naqbad nagħmel, jien ma kellix alternattiva ħlief li nibqa' mmur magħhom. Mhux din hi t-teżi ta' l-akkużat, Sinjuri Ġurati.... It-teżi ta' l-akkużat hi li ... għall-anqas mit-tlieta u nofs 'il**

---

[1] Paġna 47 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[2] Paġni 49 – 50 *ibidem*.

**quddiem, *from 3.30 onwards*, sakemm twaqqaf mill-Pulizija f'dak il-post li qalulna li waqqfuhom, dan kien dejjem fil-kumpanija ta' dawn it-tnejn min-nies.... Mela qegħdin taraw, Sinjuri Ġurati, li t-teżi ta' l-akkużat hi li minn dak il-ħin sal-mument li huwa effettivament waqqfuhom il-Pulizija fl-ebda ħin ma marru lejn in-Naxxar, lejn dik it-triq 21st September Avenue, fl-ebda ħin. Huma baqgħu fl-inħawi bejn Mrabat Street, San Ġwann, il-Mekek u San Ġwann, dawk l-inħawi."** [3]

**9.** Konfrontat dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri dwar dawn il-fatti max-xiehda ta' l-appellant waqt il-ġuri, huwa ċar illi l-appellant kien qiegħed jeskludi li f'xi ħin waqt li kien fil-kumpanija ta' Malcolm Mifsud u Luke Farrugia huma marru n-Naxxar. Jiġifieri l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien korrett f'dak li qal.

**10.** L-appellant jilmenta wkoll illi l-Imħallef li ppresjda l-ġuri ta l-impressjoni li l-ħinijiet li taw il-prosekuzzjoni kienu preċiżi u allura bil-fors l-appellant kien involut fis-serq. Skond l-appellant, l-aħjar ipotesi għall-prosekuzzjoni hi li hemm konfużjoni ta' ħinijiet u għalhekk hemm dubju raġonevoli li jrid imur favur l-appellant. Minn eżami ta' l-indirizz, din il-Qorti ma ħaditx l-istess impressjoni. Anzi, ħin minnhom, meta qiegħed jindika xi mistoqsijiet li kellhom jagħmlu lilhom infushom il-ġurati, u preċiżament il-mistoqsija dwar il-ħin li fih insteraq il-van, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal:

**"Jiena min-notamenti li għandi jien – pero` dawn jista' jkun li jien żbaljat, Sinjuri Ġurati, <u>bħalma jistgħu jkunu żbaljati l-indikazzjonijiet li taw ta' ħin anke l-prosekuzzjoni u d-difiża</u>, dak iċċekkjawhom u vverifikawhom intom ...."** (sottolinear ta' din il-Qorti).
Barra minn hekk huwa l-appellant stess li, fix-xiehda tiegħu, semma ħinijiet li ppermettew illi tinbena ċerta kronoloġija ta' fatti.

**11.** Il-kwistjoni tal-ħinijiet, inkluż allura l-ħinijiet li fihom l-appellant kien maż-żewġ persuni l-oħra, kienet kwistjoni

---

[3] Paġni 55 – 56 *ibidem*.

ta' apprezzament ta' fatt, kwistjoni li tħalliet interament f'idejn il-ġurati. Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha *beyond reasonable doubt*. Jistgħu jinħolqu dubji mill-provi miġjuba waqt proċess kriminali, iżda d-dubju li minħabba fih persuna m'għandhiex tinsab ħatja huwa d-dubju "raġonevoli". Mhux kull dubju – kif donnu jippretendi l-appellant – huwa "raġonevoli".

**12.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li l-indirizz ma jippekkax f'dak li jgħid l-appellant, u huwa indirizz li qiegħed lill-ġurati fl-aħjar posizzjoni possibbli, kemm għal dik li hi liġi, kif ukoll għal dawk li huma fatti, biex ikunu jistgħu jaslu għal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfużjoni possibbli.

**13.** Għalhekk it-tieni aggravju huwa miċħud.

**14.** Din il-Qorti sejra issa tikkonsidra <u>l-ewwel aggravju</u>. Fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju:

"1. m'hemm l-ebda provi diretti bħal xhieda jew anki provi forensiċi li jorbtu l-appellant mas-serqa tal-van u l-oġġetti li nstabu ġo fiha;

"2. l-appellant instab fil-pussess tas-senter flimkien ma' żewġ persuni oħra, Luke Farrugia u Malcolm Mifsud. Meta l-pulizija saqsa spjegazzjoni mill-appellant dwar is-senter u wieġeb li kienet ta' Malcolm Mifsud, fil-pront Malcolm Mifsud aċċetta u kkonfema li hu kien responsabbli;

"3. kien l-appellant li wera bl-eżatt fejn jinsab il-van;

"4. kien hemm konfużjoni ta' ħinijiet fejn instab l-appellant fil-ħin tas-serqa u fil-fatt meta saret is-serqa. L-appellant ma setax ikun preċiż meta ltaqa' maż-żewġ persuni l-oħra u li seta' jiftakar kien meta telaq mill-Belt bil-karozza tal-linja. Minn hemm 'il quddiem ma setax jagħmel ħin. Li jaf li ma kienx magħhom meta nsteraq il-van u kienu Luke Farrugia u Malcolm Mifsud li ħaduh ħdejn il-van f'San Ġwann. Kien hemm distanza bejn il-post fejn insteraq u l-post fejn instab u l-post fejn il-pulizija waqqfu l-vettura fejn

kien hemm l-appellant. Mill-provi jekk is-serqa saret fil-4.45 p.m. b'hekk il-pulizija waqqfu l-appellant qabel ma nsteraq il-van, li huwa impossibbli. Jekk il-van insteraq fl-4.30 p.m., kollox kellu jsir f'għaxar kinuti, jiġifieri li l-van insaq San Ġwann, u l-karozza tiġbor l-appellant u jimxi lejn in-naħa l-oħra ta' San Ġwann. Dan qed jiġi konsiderat jekk m'hemmx traffiku ieħor fit-toroq. Jidher ċar li l-van insteraq ferm qabel.

"Illi b'dawn id-dubji kollha l-ġurati ma setgħux jaslu għall-konklużjoni li waslu."

**15.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[4] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija.

(iii) L-appellant jgħid li ma kienx hemm provi diretti jew forensiċi. Dan hu minnu. Iżda ma jfissirx illi ma tistax tinstab ħtija a bażi ta' provi indizjarji.

(iv) Mix-xiehda ta' l-appellant stess jirriżulta illi huwa ltaqa' ma' Malcolm Mifsud u Luke Farrugia għall-ħabta tat-3.20 p.m./3.30 p.m. Skont Raymond Pirotta, sid il-van, bejn l-4.30 p.m./4.45 p.m. għamel rapport l-għassa tan-Naxxar li kien għadu kemm insteraqlu l-van waqt li daħal jixtri mingħand *ironmongery* – dan kien fi Triq 21 ta' Settembru, Naxxar, jiġifieri viċin l-għassa. Skont il-pulizija tal-*mobile squad*, P.C. 857 John Laferla u P.C. 99 Mario Portelli, raw il-vettura li fiha kien riekeb l-appellant ma' Malcolm Mifsud u Luke Farrugia għall-ħabta ta' 4.45 p.m./4.50 p.m. Mix-xiehda ta' l-appellant m'hemmx dubju illi minn x'ħin iltaqa' ma' Mifsud u Farrugia sa x'ħin ġew arrestati, baqgħu flimkien. Jiġifieri fil-ħin li nsteraq il-van, kienu flimkien.

(v) Fil-karozza Peugeot li fiha kien l-appellant, kien hemm senter, ċintorin bl-iskrataċ u mus li kienu nsterqu minn ġol-van li kien insteraq min-Naxxar.

(vi) L-appellant ma kienx konsistenti fil-verżjonijiet tiegħu:

- P.C. 99 Mario Portelli xehed illi meta marru fuq l-okkupanti tal-Peugeot, innota li ma' l-art fuq in-naħa ta' wara taħt saqajh kien hemm senter u ċintorin bl-iskrataċ. L-ewwel ħaġa li l-appellant qal kien: "Dak sibnieh fejn skip". U wara ftit li "għax dawn tawni *lift*".
- L-Ispettur Geoffrey Azzopardi xehed li meta kellem lill-appellant l-ewwel darba, dan qallu li kien rikeb ma' Malcolm Mifsud u Luke Farrugia f'Mrabat Street xi għaxar minuti qabel ma waqqfuhom il-Pulizija tal-*mobile squad*, li waqqfuh ħdejn il-Mekek Bar biex imur għand tal-*ispare parts* u meta rritorna sab senter fil-karozza. Aktar tard l-appellant talab li jkellem lill-Ispettur Azzopardi u qallu li ma kellux x'jaqsam mal-van iżda li kien jaf fejn kien ipparkjat.
- Fl-istqarrija bil-miktub u ffirmata minnu li ta lill-Ispettur Azzopardi, l-appellant qal li kien miexi f'Mrabat Street għall-ħabta ta' 3.50 p.m./4.00 p.m. meta waqqaflu Malcolm Mifsud. Marru jkellmu mekkanik f'Mrabat Street stess, imbagħad telgħu lejn San Ġwann u ġibdu lejn il-wied ta' San Ġwann. Talab lil Mifsud iwaqqaflu biex jagħmel naqra ilma, imbagħad qal lil Mifsud isuq lejn il-Mekek Bar għax ried imur għand ta' l-i*spare parts*. Rikeb fuq wara biex ikun jista' jitmattar minħabba l-problema tal-ġebla filwaqt illi qabel kien riekeb quddiem. Meta waqqfuhom il-Pulizija mill-ewwel qalilhom li s-senter mhux tiegħu u li kien rikeb ftit minuti qabel. Ma tax spjegazzjoni dwar kif spiċċa s-senter fil-karozza.
- Meta xehed waqt il-ġuri l-appellant qal li kien qabad tal-linja mill-Belt għal xis-2.30 p.m. u fit-3.00 p.m. kien wasal ħdejn l-għassa tas-Sliema. Mexa fid-direzzjoni ta' Mrabat. Waqqfulu Mifsud u Farrugia, ftit bogħod mill-mekkanik, waqfu għandu, kellmu Luke Farrugia – dan kien għall-ħabta tat-3.30 p.m. – u meta telqu, flok baqgħu telgħin lejn il-Mekek ġibdu lejn il-lemin, niżlu lejn il-wied, imbagħad reġgħu telgħu u Mifsud tefa' l-karozza mal-ħajt. L-appellant jgħid illi hemm qal lil Mifsud li se jagħmel naqra ilma u sadattant Mifsud u Farrugia qasmu t-triq fejn kien hemm van Toyota, fetħuh, ġabu senter u ċintorin bl-iskrataċ. Is-senter Mifsud qiegħdu bejn is-seat tal-passiġġier u x-xufier u ċ-ċintorin wara s-seat. L-appellant

talab lil Farrugia jitla' quddiem sabiex hu jkun jista' joqgħod wara fejn qagħad fit-tul għax kien qiegħed juġgħu fejn għandu l-ġebla. Jgħid li Malcolm Mifsud qal lill-Pulizija li s-senter kien tiegħu (ta' Mifsud) u li l-appellant ma kellux x'jaqsam. Qal ukoll li fetaħ il-bieba ta' wara tal-van Mifsud biċ-ċavetta[5] u wara li qabad is-senter u tah lil Farrugia, qabad iċ-ċintorin imbagħad sakkar u "tefa' ċ-ċwievet fil-but".

(vii) Bl-ispjegazzjoni li ta l-appellant waqt il-ġuri, u kkunsidrat il-ħin li kienu flimkien l-appellant u Mifsud u Farrugia, huwa evidenti li l-ġurati ma qisux verosimili illi l-affarijiet setgħu ġraw kif qal l-appellant, cioe` li ad insaputa tiegħu, Mifsud u Farrugia jisirqu l-van, jipparkjawh f'San Ġwann, u wara li jiġbru lill-appellant jerġgħu jmorru ħdejn il-van u Mifsud jiftħu biċ-ċavetta biex jieħdu refurtiva minn ġo fih. It-*time line* li huwa bbażat prinċipalment fuq dak li qal l-appellant stess dwar il-ħin li ltaqa' ma' Mifsud u Farrugia, *gives the lie* lil din il-verżjoni.

(viii) Il-ġurati setgħu fil-fatt jaslu għall-konklużjoni tagħhom a bażi taċ-ċirkostanza ta' pussess riċenti ta' oġġetti misruqa jew, kif magħrufa fid-duttrina, it-teorija ta' *recent possession of stolen goods*. F'sentenza tas-26 ta' Awissu 1998 il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et** qalet is-segwenti rigward din it-teorija:-

**'Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-teorija mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti. Hu risaput li in tema ta' *law of evidence*, kemm-il darba ma jkunx hemm xi dispożizzjoni kuntrarja fil-Kodiċi tagħna, il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża, u ma**

[5] Raymond Pirotta xehed illi sakemm daħal fl-*ironmongery* ħalla l-van magħluq iżda biċ-ċavetta fl-*ignition*.

**hemm ċertament xejn x'wieħed jiċċensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti ċċitat ġurisprudenza u awturi Ingliżi. Din il-Qorti ukoll ser tikkwota mill-aħħar edizzjoni ta' Archbold peress li hi tal-fehma li l-bran li ġej jittratta bl-aktar mod konċiż u preċiż il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:**

**"'There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted , that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be also directed: see R vs Loughlin, 35 Cr. App.R.69; R. vs Seymour, 38 Cr. App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.**

**"'In R. v Smythe, 72. Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence, 5th ed., p. 49 (now 8th ed.p.35):** ***"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as on of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen good are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the***

***jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.***

***Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the that fits in or does not fit in with other available evidence"*** **(Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);**

**"U aktar 'il quddiem jingħad:**

**"What constitutes "Recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case… In R. v Smythe…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgment said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence" (para. 21-320)'"**

(x) Il-ġurati ma qisux lill-appellant kredibbli u konsegwentement jidher li ħadu l-konoxxenza tiegħu ta' fejn kien jinsab il-van bħala prova oħra ta' kemm kien implikat.

(xi) P.C. 857 John Laferla u P.C. 99 Mario Portelli t-tnejn jgħidu illi waqqfu l-Peugeot li kien fiha l-appellant

għax ġihom suspett minħabba l-manuvri li saru. P.C. 99 jgħid illi l-okkupanti bdew jaġitaw ruħhom. Jgħid: “tfixklu li aħna ġejna warajhom.... jiena bdejt jiġifieri ninnotahom jitkellmu bejniethom, wieħed minnhom ħares lura....”

(xii) L-istess żewġ membri tal-*mobile squad* ukoll jirreferu għal kif meta waqqfu l-karozza u avviċinawha, l-appellant beda jagħmel movimenti li ndikaw li kien qiegħed jipprova jaħbi s-senter.

(xiii) Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-ġurati setgħu ma jemmnux il-verżjoni ta' l-appellant li ma kellux xejn x'jaqsam mal-każ, għax hemm ċirkostanzi u provi oħra li bihom setgħu legalment u raġonevolment jikkonkludu kif ikkonkludew.

**16.** Għalhekk anke l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**17.** It-tielet aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jgħid illi għalkemm il-verdett ma kienx unanimu, huwa ġie kkundannat seba' snin priġunerija. Jgħid illi kien id-dritt tiegħu li jagħżel li jgħaddi ġuri, u dan il-fatt ma kellux jeffettwa l-piena. Inoltre r-refurtiva ġiet rekuperata kważi kollha u l-van bl-għajnuna tiegħu; b'hekk l-effett fuq il-*parte civile* u fuq is-soċjeta` kienet minima. Barra minn hekk, jargumenta l-appellant, jekk il-ġustizzja trid mhux biss issir iżda wkoll tidher li qed issir, għandu jittieħed kont tal-fatt illi Malcolm Mifsud u Luke Farrugia ngħataw sentenzi ferm inqas – Mifsud tnax-il xahar priġunerija u Farrugia sentejn priġunerija. Huwa minnu li nstabu ħatja ta' riċettazzjoni, iżda l-piena hi identika.

**18.** Il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt ingħatat[6].

[6] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**19.** Fil-każ in eżami m'hemmx dubju li l-piena hi fil-parametri tal-liġi. Għalkemm il-verdett ma kienx wieħed ta' unanimita`, huwa verdett legali a tenur ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi Kriminali, u huwa rrilevanti jekk il-ġurati kinux unanimi jew le. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti kkunsidrat, *inter alia*, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ – waħda miċ-ċirkostanzi kienet proprju l-fatt li l-appellant kien ħa lill-Pulizija fuq il-post fejn kien hemm il-van misruq ipparkjat.

**20.** Dwar l-ilment tiegħu li Malcolm Mifsud u Luke Farrugia ngħataw sentenzi ta' priġunerija ħafna iżgħar, din il-Qorti eżaminat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Ottubru 2009 u sabet illi huma nstabu ħatja tar-reat ta' riċettazzjoni u ta' pussess u ta' ġarr ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Kwantu għar-reat ta' riċettazzjoni dik il-Qorti speċifikat li tali riċettazzjoni kienet fir-rigward biss tas-senter, iċ-ċintorin bl-iskrataċ u l-mus. Il-piena applikabbli f'dar-rigward kienet dik skont l-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali (ħames xhur sa tliet snin priġunerija). Fir-rigward ta' l-appellant, il-piena hija dik skont l-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali (tlettax-il xahar sa seba' snin priġunerija), b'dan li permezz ta' l-artikolu 289(1) il-piena tista' tiżdied minn grad sa tliet gradi. Jiġifieri l-parametri għal dak li jirrigwarda l-Ewwel Kap ta' l-Akkuża huma minn sentejn sa għoxrin sena priġunerija. Ma' din il-piena mbagħad irid jiżdied minn terz sa nofs il-piena applikabbli għat-Tieni Kap ta' l-Akkuża. Konsegwentement l-appellant ma jistax jitkellem dwar disparita` bejn il-piena nflitta fuqu u dik inflitta fuq Mifsud u Farrugia.

**21.** Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, u wara li din il-Qorti rat ukoll il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant, din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena. B'hekk anke t-tielet aggravju huwa miċħud.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------